**18 ta' Marzu, 1961**

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Thornton

**Traffiku — "Pedestrian"**

*Driver ta' vettura tal-mutur għandu d-dover li jistenna li fi trieqtu jistgħu jinżertaw nies li, minħabba l-età tagħhom, jew għal xi raġuni oħra, ma jkollhomx la dik iċ-ċelerità ta' perċezzjoni, la dik il-prontezza ta' deċiżjoni, u lanqas dik l-isveltezza ta' movimenti, li jeħtieġu ċ-ċirkustanzi mprovviżi.*

*Il-"pedestrian" għandu l-fakoltà li f'xi ħin jaqsam it-triq, meta jkun hemm bżonn, u meta jkun il-waqt; u kwindi d-driver għandu joqgħod attent u jipprevedi li jista' jiġi konfrontat bil-fatt ta' "pedestrian" li jaqsam it-triq fil-karreġġjata li jkun fiha dak id-driver. Jekk il-"pedestrian" ma jagħmel ebda att li bih iqiegħed l-awtista fi stat ta' sinistru inevitabbli, bħal meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lill-kondu-ċent, jew jagħmel xi moviment insolitu u inaspettat u joħloq emerġenza subitanea, id-driver ma jistax jallega b'difiża tiegħu, jekk jiġi f'kolliżjoni ma' dak il-"pedestrian", il-fatt li dan kien fil-karreġġjata.*

Il-Qorti:— Rat l-atti kompilati kontra Joseph Thornton fuq l-imputazzjoni talli fl-10 ta' Diċembru 1960, fit-3.30 p.m., f'Ħaż-Żabbar, waqt li kien isuq car 25613, b'negliġenza, imprudenza, traskuraġni (għaliex saq bil-"windscreen" imtappan, li ma kienx qed jippermettilu jara sewwa dak li kellu quddiemu) u nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu u inosservanza tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Ġanni Pace minn Ħaż-Żabbar;

Rat in-nota tal-Attorney General tal-20 ta' Jannar 1961, li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħuta lura lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ħalli l-istess tiddeċidi dwar ħtija ta' kompetenza tagħha taħt dak li hemm maħsub fl-art. 239 tal-Kodiċi Kriminali u fil-Government Notice nru. 337 tal-1940, barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-31 ta' Jannar 1961, li biha sabet lill-imsemmi Joseph Thornton ħati skond l-imputazzjoni, u kkundannatu għal ħamsin lira (£50) multa;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Wara li eżaminat bir-reqqa l-provi eżistenti fl-inkartament, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li s-sentenza appellata hi sewwa;

Hu fatt innegabbli li l-imsejken xwejjaħ John Pace, stante l-età tarda tiegħu ta' 77 sena, kien qed jaqsam bil-mod, u li għalhekk, sabiex wasal fil-post li fih ġie sinistrat, tabilfors għadda ċertu żmien apprezzabbli, u f'dak iż-żmien l-appellant seta' rah u pppreveda a tempo; u jekk ma rahx, dan hu dovut għal nuqqas ta' dik l-attenzjoni li teħtieġ. Jekk għal xi raġuni l-appellant kellu l-"windscreen" imtappan, din iċ-ċirkustanza kienet timponi grad akbar ta' attenzjoni. Ma hux hawn il-każ ta' "pedestrian" li joħroġ f'daqqa u jissorprendi lill-konduċent. Lanqas hu l-każ ta' "pedestrian" li jagħmel xi moviment insolitu u inaspettat, u joħloq emerġenza subitanea, għalkemm hu dejjem dover tal-awtista li joqgħod attent għal kull kontinġenza stradali. Pace kien qed jaqsam bil-mod, stante l-età tiegħu, u l-konduċent għandu ċertament id-dover li jistenna li fi trieqtu jistgħu jinzertaw nies li, minħabba l-età tagħhom jew għal xi raġuni oħra, ma jkollhomx la dik iċ-ċelerità ta' perċezzjoni, la dik il-prontezza ta' deċiżjoni, u lanqas dik l-isveltezza ta' moviment li jeħtieġu ċ-ċirkustanzi mprovviżi;

L-awtur Mendelson, fir-"Revue Internationale de Criminologie" (Geneve, 1956, p. 95), jeżamina dan l-aspett taċ-ċirkolazzjoni stradali, li hu jsejjaħ, b'vokabolu minnu nventat, "victimologie"; u f'dati statistiċi minnu preparati juri li fuq 144 każ ta' nċidenti ta "pedestrians", sebgħa u tmenin (87) kienu ta' "pedestrians' oltre l-età ta' 65 sena;

Hu veru li Pace kien fil-karreġġjata; imma hi ċertament fakoltà tal-"pedestrian" li f'xi ħin jaqsam, meta jkun hemm bżonn, u meta jkun il-waqt; basta ma jagħmel xejn li hu brusk u inaspettat b'mod li jqiegħed l-awtista fi stat ta' sinistru inevitabbli;

Din il-Qorti, għalhekk, taqbel mal-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti;

Konsegwentement tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-multa tista' titħallas f'rati mensili ta' £10 fix-xahar, jibdew fil-15 ta' April 1961.